IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.10.2024
COM(2024) 438 final

2024/0240 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar it-tiġdid tal-Ftehim dwar koperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-"Ftehim dwar koperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Ukrajna"[1] ("il-Ftehim") ġie ffirmat f'Copenhagen fl-4 ta' Lulju 2002 u ġie konklużż oriġinarjament sal-31 ta' Diċembru 2002[2]. L-Artikolu 12, il-punt (b) tal-Ftehim, jipprevedi l-possibbiltà li dan jiġġedded għal perjodi addizzjonali ta' ħames snin bi qbil reċiproku bejn il-Partijiet. Il-Ftehim ġie mġedded erba' darbiet: fl-2003[3], fl-2011[4], fl-2015[5] u fl-2020[6].

Il-Ftehim attwali se jiskadi fit-8 ta' Novembru 2024.

Huwa fl-interess reċiproku taż-żewġ Partijiet li l-Ftehim jiġġedded għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin biex ikompli jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna f'oqsma prijoritarji komuni tax-xjenza u t-teknoloġija, u jwassal għal benefiċċji reċiproċi kif stabbilit fl-Artikolu 4 tal-Ftehim.

L-Ukrajna għandha tradizzjoni twila ta' eċċellenza fix-xjenza u t-teknoloġija, u minkejja d-diffikultajiet ta' dawn l-aħħar snin u l-gwerra ta' aggressjoni illegali u mhux provokata tar-Russja, l-Ukrajna għad għandha xjenza u xjentisti primi, u tibqa' attur importanti fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija u tal-innovazzjoni fil-viċinat tal-Unjoni. Il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Ukrajna hija tradizzjonalment attiva ħafna speċjalment fl-oqsma tal-materjali avvanzati/ġodda, fit-teknoloġija tal-IT, fil-fiżika u fl-astronomija, fl-inġinerija, fit-teknoloġija agrikola, fin-nanoteknoloġija, fil-bijoteknoloġija u fl-applikazzjonijiet tagħhom f'setturi diversi bħalma huma l-avjazzjoni, l-enerġija, il-bijomediċina, u b'mod partikolari l-immunoterapiji kontra l-kanċer.

Permezz ta' ittra tat-23 ta' Mejju 2024, il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza tal-Ukrajna u l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Ukrajna esprimew l-interess tagħhom li jġeddu l-ftehim. Min-naħa tiegħu, il-Gvern tal-Ukrajna diġà beda l-proċess tat-tiġdid.

Is-sustanza tad-deċiżjoni proposta hija li jiġi estiż il-Ftehim eżistenti. F'kull aspett ieħor dan se jkun identiku għal dak tal-kontenut tal-Ftehim attwali. Bħala tali, il-Ftehim imġedded mhu se joħloq drittijiet u obbligi ġodda għall-ebda Parti, iżda minflok se jestendi ż-żmien tar-reġim ġuridiku li diġà jeżisti bejn il-Partijiet fil-qasam tal-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika.

---

1 ĠU L 036, 12.02.2003, p. 32, http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2003/96/oj .

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/96/KE tas-6 ta' Frar 2003 li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Ukrajna (ĠU L 36, 12.2.2003, p. 31, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2003/96(1)/oj).

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/737/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jġedded il-Ftehim ta' koperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna (ĠU L 267, 17.10.2003, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2003/737/oj).

4 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/182/UE tad-9 ta' Marzu 2011 li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna (ĠU L 79, 25.3.2011, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/182/oj).

5 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/344 tas-17 ta' Frar 2015 dwar it-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina (ĠU L 60, 4.3.2015, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/344/oj).

6 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/788 tad-9 ta' Ġunju 2020 dwar it-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna (ĠU L 193, 17.6.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2020/788/oj).

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet tal-politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din l-inizjattiva hija kompletament konformi mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni[7].

Il-Ftehim iservi wkoll ta' mezz biex tiġi implimentata l-istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, li titlob li r-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE jsiru iktar internazzjonali u jinfetħu iktar.

Dan il-Ftehim huwa kkomplimentat mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ta' Orizzont Ewropa, li jiffoka speċifikament fuq it-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tal-Ukrajna f'Orizzont Ewropa u fil-Programmi ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom[8]. It-tiġdid ta' dan il-Ftehim dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija jippermetti li jinżamm il-qafas legali globali ġenerali għall-kooperazzjoni bilaterali fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija u tal-innovazzjoni u jibgħat sinjal politiku ieħor dwar l-importanza li l-UE tagħti lill-kooperazzjoni mal-Ukrajna dwar ix-xjenza u t-teknoloġija.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew mit-23 sal-24 ta' Ġunju 2022 tennew l-appoġġ qawwi għall-Ukrajna qalb il-kunflitt li għaddej mar-Russja u l-impenn li tkompli tiġi appoġġata r-reżiljenza ekonomika, soċjali u finanzjarja ġenerali tal-Ukrajna. Bl-istess mod, l-azzjonijiet biex tiġi appoġġata l-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Ukrajna huma stabbiliti fil-Pjan għall-Ukrajna tal-Faċilità għall-Ukrajna, li ġie approvat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2024/1447 tal-14 ta' Mejju 2024. Dan il-Ftehim jistabbilixxi bażi għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika kontinwa mal-Ukrajna li tappoġġa dawn il-prijoritajiet.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Is-setgħa tal-UE li taġixxi fil-livell internazzjonali fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku hija bbażata fuq l-Artikolu 186 tat-TFUE. Il-bażi legali proċedurali ta' din il-proposta hija l-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà**

Skont l-Artikolu 4(3) tat-TFUE, fl-oqsma tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-ispazju, l-Unjoni għandha l-kompetenza li twettaq attivitajiet, b'mod partikolari sabiex tiddefinixxi u timplimenta programmi; iżda l-eżerċizzju ta' dik il-kompetenza jkun jista'jimpedixxi lill-Istati Membri milli jeżerċitaw tagħhom.

L-għan tal-ftehim huwa li jħeġġeġ, jiżviluppa u jiffaċilita attivitajiet ta' kooperazzjoni fl-oqsma ta' interess komuni fix-xjenza u t-teknoloġija mal-Ukrajna fil-livell tal-Unjoni. Dan jinkludi l-parteċipazzjoni ta' entitajiet Ukreni fi proġetti tal-Unjoni skont il-Programmi Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

---

7 Il-Komunikazzjoni dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, COM(2021) 252.

8 Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika minn naħa waħda u l-Ukrajna min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Ukrajna f'Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2021-2025) li jikkumplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, C/2021/7264, (ĠU L 95, 23.3.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2022/323(1)/oj)

L-ebda ftehim bilaterali bejn Stat Membru u pajjiż terz ma jista' jikseb l-effett li jistabbilixxi kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni ma' pajjiż terz fl-oqsma tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din l-inizjattiva mhijiex parti mill-programm tal-Kummissjoni dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT). Ir-REFIT japplika biss f'każijiet fejn il-proposti leġiżlattivi huma mistennija li jibdlu l-liġijiet eżistenti tal-UE u fejn jinqalgħu spejjeż regolatorji.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Din l-inizjattiva ma teħtieġx riżorsi umani jew amministrattivi kif stabbilit fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni titlob li l-Kunsill:

– japprova, f'isem l-Unjoni u bil-kunsens tal-Parlament Ewropew, it-tiġdid tal-"Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Ukrajna" għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin (jiġifieri mit-8 ta' Novembru 2024 sat-8 ta' Novembru 2029).

2024/0240 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar it-tiġdid tal-Ftehim dwar koperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 186 flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew[1],

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni 2003/96/KE[2] tas-6 ta' Frar 2003, il-Kunsill approva l-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Ukrajna[3] ("il-Ftehim"). Il-Ftehim ġie ffirmat f'Copenhagen fl-4 ta' Lulju 2002 u daħal fis-seħħ fil-11 ta' Frar 2003.

(2) Il-punt (b) tal-Artikolu 12 tal-Ftehim ippreveda li l-Ftehim jiġi konkluż għal perjodu inizjali li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2002, u jkun jista' jiġġedded bi qbil reċiproku bejn l-Unjoni u l-Ukrajna ("il-Partijiet") għal perjodi addizzjonali ta' ħames snin kull darba.

(3) Abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/737/KE[4], il-Ftehim b'hekk iġġedded fit-22 ta' Settembru 2003 għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin. Barra minn hekk, abbażi tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2011/182/UE[5], (UE) 2015/344[6] u (UE) 2020/788[7], il-Ftehim iġġedded għal perjodi sussegwenti ta' ħames snin, b'effett retroattiv mit-8 ta' Novembru 2009, mit-8 ta' Novembru 2014 u mit-8 ta' Novembru 2019, rispettivament. L-aħħar tiġdid jiskadi fit-8 ta' Novembru 2024.

---

1 ĠU C , , p. .

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/96/KE tas-6 ta' Frar 2003 li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Ukrajna (ĠU L 36, 12.2.2003, p. 31).

3 Il-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Ukrajna (ĠU L 36, 12.2.2003, p. 32-39).

4 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/737/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jiġedded il-Ftehim ta' koperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna (ĠU L 267, 17.10.2003, p. 24).

5 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/182/UE tad-9 ta' Marzu 2011 li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina (ĠU L 79, 25.3.2011, p. 3).

6 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/344 tas-17 ta' Frar 2015 dwar it-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna (ĠU L 60, 4.3.2015, p. 37).

7 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/788 tad-9 ta' Ġunju 2020 dwar it-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna (ĠU L 193, 17.6.2020, p. 1).

(4) L-Ukrajna hija attur importanti fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija u tal-innovazzjoni fil-viċinat tal-Unjoni. Iż-żewġ Partijiet iqisu li, sabiex ikomplu jiffaċilitaw il-kooperazzjoni f'oqsma prijoritarji komuni tax-xjenza u t-teknoloġija, ikun fl-interess tagħhom it-tnejn li l-Ftehim jiġġedded.

(5) Iż-żewġ Partijiet ikkonfermaw li biħsiebhom iġeddu l-Ftehim għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin. Jenħtieġ li l-kontenut tal-Ftehim imġedded jibqa' identiku għall-kontenut tal-Ftehim. Sabiex tkun żgurata l-kontinwità tal-Ftehim, jenħtieġ li t-tiġdid isir effettiv mit-8 ta' Novembru 2024.

(6) Għaldaqstant jenħtieġ li t-tiġdid tal-Ftehim jiġi approvat f'isem l-Unjoni.

(7) Il-Kummissjoni se tipproċedi, f'isem l-Unjoni, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li ġġedded il-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Ukrajna, għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

[It-tiġdid tal-Ftehim għandu jsir effettiv mit-8 ta' Novembru 2024.]

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

Werrej

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA 1
• Raġunijiet u objettivi tal-proposta 1
• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet tal-politika eżistenti fil-qasam ta' politika 2
• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni 2
2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ 2
• Bażi ġuridika 2
• Sussidjarjetà 2
3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT 3
• Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni 3
4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT 3
1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 3
1.1. Titlu tal-proposta/tal-inizjattiva 3
1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) 3
1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma': 3
1.4. Objettiv(i) 3
1.4.1. Objettiv(i) ġenerali 3
Din l-inizjattiva se tippermetti liż-żewġ Partijiet itejbu u jsaħħu l-kooperazzjoni ta' bejniethom f'oqsma xjentifiċi u teknoloġiċi ta' interess reċiproku. 3
1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi 3
1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija 3
1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni 3
1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva 4
1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva. 4
1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku b'mod ieħor kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. 4
1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi 4
1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra 4
1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni 5

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva 6
1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) 6
2. MIŻURI TA' ĠESTJONI 7
2.1. Regoli għall-monitoraġġ u għar-rappurtar 7
2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll 7
2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta 7
2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom 7
2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) 7
2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet 7
3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 9
3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) tan-nefqa affettwata(i) tal-baġit 9
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet 10
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali 10
3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali 13
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi 14
3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali 16
3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi 16
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul 17

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Ukrajna

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

L-istrateġija u l-koordinazzjoni tal-politika, b'mod partikolari tas-Segretarjat Ġenerali, tas-Servizz Legali, tas-SEAE, tad-Direttorati Ġenerali AGRI, BUDG, CLIMA, CNECT, EAC, ENER, GROW, JRC, MARE u MOVE

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☐ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[16]

☑ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

Din l-inizjattiva se tippermetti liż-żewġ Partijiet itejbu u jsaħħu l-kooperazzjoni ta' bejniethom f'oqsma xjentifiċi u teknoloġiċi ta' interess reċiproku.

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Objettiv Speċifiku Nru 4.1

Din id-Deċiżjoni se tippermetti liż-żewġ Partijiet itejbu l-kooperazzjoni ta' bejniethom u jiżviluppaw sħubija iktar strateġika billi jżidu l-iskala u l-ambitu tal-kooperazzjoni eżistenti, filwaqt li jindirizzaw l-isfidi globali billi jippromwovu l-aċċess reċiproku għall-programmi ta' xulxin.

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li għandu jkollha l-proposta/l-inizjattiva fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Din id-Deċiżjoni se tippermetti kemm lill-Unjoni kif ukoll lill-Ukrajna jiksbu benefiċċji reċiproki mill-progress xjentifiku u tekniku li jinkiseb permezz tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni li jkunu qed isiru. Id-Deċiżjoni tippermetti li jiġi skambjat għarfien speċifiku u li jiġi ttrasferit l-għarfien espert għall-benefiċċju tal-komunità xjentifika, tal-industrija u taċ-ċittadini taż-żewġ Partijiet.

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Il-Kummissjoni se tissorvelja b'mod regolari l-azzjonijiet kollha li jsiru fil-kuntest ta' dan il-Ftehim, inklużi l-attivitajiet ta' kooperazzjoni. Fost l-oħrajn, din l-evalwazzjoni se tkopri l-affarijiet li ġejjin:

a) l-indikaturi tal-parteċipazzjoni – analiżi tal-għadd u tat-tip ta' parteċipazzjoni tal-entitajiet Ukreni fil-programmi qafas tal-UE (eż. l-għadd ta' proposti, l-għadd ta' ftehimiet ta' għotjiet iffirmati, ir-rabtiet ta' kollaborazzjoni

[16] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

prinċipali, it-temi ewlenin u l-output iġġenerati) u viċiversa (meta tkun disponibbli d-data);

Linja bażi: 223 parteċipazzjoni (f'Orizzont Ewropa sas-27 ta' Ġunju 2024)

Mira: > 336 parteċipazzjoni (il-parteċipazzjoni hija mmirata li tkun ogħla mir-rata ta' suċċess f'Orizzont 2020, li kienet ta' 336)

b) l-indikaturi tal-prestazzjoni – ir-rata ta' suċċess tal-entitajiet Ukrajni li jipparteċipaw fi programmi qafas tal-UE mqabbla ma' dik ta' entitajiet ta' pajjiżi li mhumiex membri tal-UE u ma' dik ta' entitajiet ta' Stati Membri; analiżi tal-kwalità tal-parteċipazzjoni (pereżempju l-għadd ta' universitajiet ikklassifikati fl-aqwa postijiet li jkunu qed jieħdu sehem fil-programm, l-għadd ta' privattivi u ta' pubblikazzjonijiet li joħorġu mill-proġetti ta' kollaborazzjoni).

Linja bażi: 17,00 % (f'Orizzont Ewropa mis-27 ta' Ġunju 2024)

Mira: Rata ta' suċċess ta' > 9,33 % (ir-rata ta' suċċess hija mmirata li tkun ogħla mir-rata ta' suċċess f'Orizzont 2020, li kienet ta' 9,33 %)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva.

Din id-Deċiżjoni se tippermetti liż-żewġ Partijiet ikomplu jtejbu u jsaħħu l-kooperazzjoni ta' bejniethom f'oqsma xjentifiċi u teknoloġiċi għall-benefiċċju tat-tnejn.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku b'mod ieħor kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Minkejja l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni kompliet tissaħħaħ b'mod kostanti fis-snin li għaddew. L-involviment tal-UE jippermetti li jsiru attivitajiet fuq firxa ikbar u b'ambitu usa' għall-benefiċċju tal-Istati Membri kollha. It-tiġdid ta' dan il-Ftehim se jippermetti lill-UE u lill-Ukrajna jkollhom iktar aċċess għall-għarfien xjentifiku li joħroġ mill-UE u mill-Ukrajna rispettivament u jinvolvu ruħhom f'iktar attivitajiet ta' kooperazzjoni li jwasslu għal iktar skambju ta' għarfien u ta' teknoloġiji.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Abbażi tal-esperjenza li kien hemm s'issa fil-qasam tal-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, jitqies li huwa ta' benefiċċju reċiproku li titkompla l-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka mal-Ukrajna, bħala sieħeb strateġiku tal-UE fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

It-tiġdid tal-Ftehim mal-Ukrajna jitqies li hu kompletament konsistenti mal-qafas ġenerali tal-politika għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni (COM(2012) 497).

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Ma japplikax

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☑ **durata limitata**

– ☑ fis-seħħ mill-[08/11/2024] sal-[08/11/2029]

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata illimitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' prova minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)

☑ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☑mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni jew lill-korpi fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk tindika iżjed minn modalità ta' ġestjoni waħda, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli għall-monitoraġġ u għar-rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-attivitajiet ta' kooperazzjoni skont il-Ftehim se jiġu segwiti regolarment permezz ta' laqgħat tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 6 tiegħu.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Il-ġestjoni u l-kontroll tal-kooperazzjoni skont il-ftehim dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija se jitmexxew permezz ta' laqgħat tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt u l-kuntatti bilaterali jsiru b'mod regolari u jippermettu l-kondiviżjoni sistematika tal-informazzjoni u tal-kontroll tagħhom. Ma ġie identifikat l-ebda riskju fis-sistema tal-kontroll.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

Ma japplikax

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Meta l-implimentazzjoni tal-Programm Qafas tal-Unjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (Orizzont Ewropa) titlob l-użu ta' kuntratturi esterni jew tinvolvi l-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja lil partijiet terzi, il-Kummissjoni se twettaq verifiki finanzjarji, fejn xieraq, b'mod partikolari jekk ikollha raġuni biex tiddubita n-natura realistika tax-xogħol imwettaq jew deskritt fir-rapporti tal-attività.

L-awditi finanzjarji tal-Unjoni se jsiru jew mill-persunal tagħha jew minn esperti tal-kontabbiltà li jkunu ġew approvati skont il-liġi tal-parti li fuqha jkun qed isir l-awditu. L-Unjoni għandha l-libertà li tagħżel lil dawn l-esperti, filwaqt li tevita kull riskju ta' kunflitt ta' interess li tista' tkun indikatilha l-parti li jkun qed isirilha l-awditu. Barra minn hekk, hija u twettaq l-attivitajiet tar-riċerka, il-Kummissjoni se tiżgura li jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni billi jitwettqu verifiki effettivi u billi jkun hemm miżuri u penali proporzjonati li jservu ta' deterrent meta jiġu nnotati l-irregolaritajiet.

Sabiex jintlaħaq dan l-għan, ir-regoli dwar il-kontrolli, il-miżuri u l-penali, b'referenza għar-Regolamenti Nru 2988/95, Nru 2185/96 u Nru 883/2013, huma inkorporati fil-kuntratti kollha li jintużaw fl-implimentazzjoni tal-programm qafas.

B'mod partikolari, il-kuntratti jridu jipprevedu l-punti li ġejjin:

– iż-żieda ta' klawżoli speċifiċi fihom sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-UE huma u jitwettqu l-verifiki u l-kontrolli b'rabta max-xogħol imwettaq;

– it-twettiq ta’ verifiki amministrattivi bħala parti mill-miżuri kontra l-frodi, f’konformità mar-Regolamenti Nru 2185/96, Nru 1073/1999 u Nru 1074/1999;

– l-applikazzjoni ta’ penali amministrattivi għal kull irregolarità sew intenzjonata kif ukoll ta’ negliġenza fl-implimentazzjoni tal-kuntratti, f’konformità mar-Regolament Qafas Nru 2988/95, inkluż mekkaniżmu għar-reġistrazzjoni f’listi suwed;

– il-fatt li l-ordnijiet ta’ rkupru li jista’ jkun hemm f’każ ta’ irregolarità jew ta’ frodi jridu jkunu jistgħu jiġu infurzati skont l-Artikolu 299 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Minn barra dawn, u bħala miżura ta’ rutina, se jitwettaq programm ta’ verifiki fuq l-aspetti xjentifiċi u baġitarji tal-kooperazzjoni mill-persunal responsabbli għal dan tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (id-DĠ Riċerka u Innovazzjoni). Se jitwettaq awditu intern mill-unità tal-Awditi Interni tad-DĠ Riċerka u Innovazzjoni, u jitwettqu spezzjonijiet lokali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) tan-nefqa affettwata(i) tal-baġit

- Linji baġitarji eżistenti

<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Intestatura 1 - Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	Diff./mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati jew minn kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
	Ma japplikax		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati jew minn kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
	Ma japplikax		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	1	**Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali**

DĠ: RTD			Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	Sena **2028**	Sena **2029**	**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali									
Linja baġitarja	Impenji	(1a)							
	Pagamenti	(2 a)							
Linja baġitarja	Impenji	(1b)							
	Pagamenti	(2b)							
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi									
Linja baġitarja		(3)							
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ RTD	Impenji	=1a+1b +3							
	Pagamenti	=2a+2b +3							

• TOTAL ta' approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)							
	Pagamenti	(5)							

• TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)							
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6							
	Pagamenti	=5+ 6							

Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq:

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)							
	Pagamenti	(5)							
TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)							
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6							
	Pagamenti	=5+ 6							

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**7**	"Nefqa amministrattiva"

Din it-taqsima jenħtieġ li timtela bl-użu tad-"data bażi tal-programmazzjoni" li qabel xejn trid tiddaħħal fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness 5 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-regoli interni għall-implimentazzjoni tat-taqsima tal-Kummissjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea), imtella' fid-DECIDE għall-finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	Sena **2028**	Sena **2029**	**TOTAL**
DĠ: RTD								
• Riżorsi umani								
• Nefqa amministrattiva oħra								
TOTAL TAD-DĠ RTD	Approprjazzjonijiet							

TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)							

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	Sena **2028**	Sena **2029**	**TOTAL**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji							
	Pagamenti							

3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali

Approprjazzjonijiet ta'impenn f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs ⇩			Sena **N**		Sena **N+1**		Sena **N+2**		Sena **N+3**		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)						**TOTAL**	
	OUTPUTS																	
	Tip[17]	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru Totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[18]…																		
– Output																		
– Output																		
– Output																		
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1																		
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		
– Output																		
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 2																		
TOTALI																		

17 L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li se jiġu fornuti (pereżempju: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

18 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi…"

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

Barra mill-INTESTATURA 7[19] tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

TOTAL								

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

[19] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ tal-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (linji "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.1. Stima tar-rekwiżiti tar-riżorsi umani

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time

		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)		
• Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u aġenti temporanji)								
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)								
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)								
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)								
01 01 01 11 (Riċerka diretta)								
Linji bażitarji oħra (speċifika)								
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Full-Time: FTE)								
20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")								
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)								
1.1. **XX** 01 xx **yy zz**	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
01 01 01 02 (AC, END, INT – Riċerka indiretta)								
01 01 01 12 (AC, END, INT – Riċerka diretta)								
Linji bażitarji oħra (speċifika)								
TOTAL								

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu bażitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet bażitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	
Persunal estern	

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☐ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (il-QFP).

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. Ipprovdi tabella tal-Excel f'każ ta' riprogrammazzjoni kbira.

– ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali kif iddefiniti fir-Regolament QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, u speċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti u l-istrumenti li qed jiġi propost li jintużaw.

– ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, u speċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☑ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq dħul ieħor

  – inti mitlub(a) tindika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu …….								

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).